Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2045(INI)

25.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - il-ġlieda kontra l-frodi - rapport annwali 2022
(2023/2045(INI))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Maria Grapini

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - il-ġlieda kontra l-frodi - rapport annwali 2022
(2023/2045(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 310(6) u 325(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2023 bit-titolu "L-34 Rapport Annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi – 2022" (COM(2023)0464) (Rapport PIF 2022),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-2022 tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[1] u r-Rapport Annwali tal-2022 tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF[2],

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) tal-2022 ippubblikat fl-1 ta' Marzu 2023,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità)[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi[4] (ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2022 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (Riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju) (COM(2022)0223),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi fl-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali[5] (id-Direttiva PIF),

---

[1] OLAF, It-tlieta u għoxrin rapport tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2022, 2022.
[2] Ir-Rapport tal-Attività tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF – 2022, ĠU C 225, 27.6.2023, p. 1.
[3] ĠU L 433 I , 22.12.2020, p. 1.
[4] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.
[5] ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2022 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali" (COM(2022)0466),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt" (COM(2022)0500),

– wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Insaħħu l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata: Evalwazzjoni tal-qafas leġiżlattiv", ippubblikat f'Diċembru 2022[6],

– wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "Evalwazzjoni tat-Theddid għall-fond NextGenerationEU (NGEU) – Rapport Konġunt tal-Europol u l-OLAF", magħmul pubbliku fis-6 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra n-"Nota ta' għeluq dwar l-Inizjattiva Strateġika dwar it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza" tal-Ombudsman Ewropew tat-12 ta' Settembru 2023 fir-rigward tal-Każ SI/6/2021/PVV, miftuħa fl-24 ta' Frar 2022,

– wara li kkunsidra r-Rieżami tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) 04/2023 tas-6 ta' Lulju 2023 bit-titolu "Digitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE",

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 06/2023 tal-QEA tat-13 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Kunflitt ta' interess fil-koeżjoni tal-UE u l-infiq agrikolu – Qafas fis-seħħ iżda hemm lakuni fit-trasparenza u l-miżuri ta' skoperta",

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni Kontra l-Frodi u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 250/2014[7],

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar fil-livell Ewropew[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2023 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – il-ġlieda kontra l-frodi – rapport annwali 2021[9],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

A. billi, f'konformità mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 325(5) tat-TFUE, kull sena l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, tissottometti rapport lill-

[6] Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, Blondes, E., Disley, E., Hulme, S. et al., Studju "Insaħħu l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata – Evalwazzjoni tal-qafas leġiżlattiv", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropa, 2022.
[7] ĠU L 172, 17.5.2021, p. 110.
[8] ĠU C 224, 8.6.2022, p. 11.
[9] Testi adottati, P9_TA(2023)0018.

Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-Artikolu (magħruf bħala r-Rapport PIF);

B. billi l-infiq pubbliku bil-għaqal u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE għandhom ikunu elementi ewlenin tal-politika tal-UE biex iżidu l-fiduċja taċ-ċittadini billi jiżguraw li flus il-kontribwenti jintużaw b'mod xieraq u effettiv;

C. billi r-Rapport PIF huwa bbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, inkluża data dwar irregolaritajiet u frodi misjuba;

D. billi n-numru ta' irregolaritajiet frawdolenti misjuba u rrapportati juri r-riżultati tal-isforzi tal-Istati Membri biex jiġu miġġielda l-frodi u attivitajiet illegali oħra u ma għandux jiġi interpretat bħala indikazzjoni tal-livell ta' frodi fl-Istati Membri;

E. billi hemm livelli u atturi differenti involuti fil-protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' prevenzjoni (interruzzjoni u sospensjoni ta' pagamenti), identifikazzjoni, korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupru ta' flus imħallsa indebitament;

F. billi s-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u Esklużjoni tipproteġi l-baġit tal-UE minn riskji ta' insolvenza, negliġenza, frodi jew irregolarità mwettqa minn atturi privati;

G. billi l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt jippermetti li jittieħdu miżuri f'każijiet ta' ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jaffettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-UE jew l-interessi finanzjarji tal-UE;

H. billi l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[10] (ir-Regolament dwar l-RRF) fih dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

I. billi l-livelli varji ta' diġitalizzazzjoni fl-Istati Membri jeħtieġ li jiġu indirizzati bil-ħolqien ta' sistemi amministrattivi u ta' rapportar aktar unifikati, interoperabbli u komparabbli fl-UE, li huma funzjonali u meħtieġa għal analiżi komprensiva soda u għall-prevenzjoni effettiva ta' irregolaritajiet u l-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni;

J. billi l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali hija kruċjali biex jiġu protetti l-fondi tal-UE li jintnefqu barra mill-Ewropa u l-lat tad-dħul tal-baġit tal-UE;

Kummenti ġenerali

1. Jilqa' r-Rapport PIF tal-2022 u l-analiżi ppreżentata fih;

2. Jaqbel mal-fehma li l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi jridu jiddependu fuq aktar diġitalizzazzjoni sabiex jiżdiedu l-aċċessibbiltà u l-użu tad-data; jirrimarka li jridu jkunu stabbiliti governanza effiċjenti kontra l-frodi u proċessi effettivi orjentati lejn ir-riżultati u strutturi mgħammra b'mod adegwat biex jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-komponenti kollha tal-arkitettura kontra l-frodi u l-atturi relevanti;

[10] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

3. Japprezza l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tantiċipa l-pubblikazzjoni tar-Rapport annwali tal-PIF, li jippermetti li r-riżoluzzjoni tal-Parlament tiġi adottata fi żmien is-sena n+1 u jagħmel ir-rimarki u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih aktar topiċi;

4. Japprezza l-koerenza ġenerali mtejba tal-leġiżlazzjoni kontra l-frodi madwar l-UE, wara l-azzjonijiet meħuda biex ir-regoli tal-UE jiġu trasposti b'mod korrett fis-sistemi nazzjonali; josserva li, f'ċerti aspetti, is-sitwazzjoni għadha subottimali, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-rapportar ta' frodi u irregolaritajiet suspettati u s-segwitu tagħhom, li għalihom id-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom notevoli ħafna;

5. Jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-analiżi tar-riskju ta' frodi jenħtieġ li tissaħħaħ sabiex jiġi vvalutat jekk ir-rapportar ta' livelli baxxi ta' frodi huwiex konsegwenza ta' okkorrenza ġenwinament baxxa ta' kondotta ħażina jew konsegwenza ta' identifikazzjoni dgħajfa;

6. Jiddispjaċih għall-fatt li f'ħafna Stati Membri l-awtoritajiet nazzjonali mhux dejjem isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, jirrapportaw b'mod eżawrjenti jew jadottaw prattiki tajba rikonoxxuti fil-ħin; jirrimarka li f'ħafna Stati Membri, il-perċentwal ta' irregolaritajiet li għadhom ikklassifikati bħala suspetti ta' frodi ħafna snin wara li ġew irrapportati l-ewwel darba huwa estremament għoli, anke fir-rigward ta' każijiet indikati bħala magħluqa; jemmen li sitwazzjonijiet bħal dawn jistgħu jissuġġerixxu nuqqas ta' segwitu adegwat, riżorsi insuffiċjenti jew imħarrġa b'mod inadegwat, lakuni fil-komunikazzjoni jew kanali ta' rapportar ineffiċjenti, kooperazzjoni u koordinazzjoni dgħajfa, jew saħansitra l-posponiment mhux ġustifikat ta' klassifikazzjoni mill-ġdid ta' irregolaritajiet bħala frawdolenti sabiex jiġi aġġustat ir-rapportar statistiku;

7. Jinnota li l-għadd ta' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet irrapportati mill-awtoritajiet kompetenti tal-UE u nazzjonali – 12 455 b'kollox – żdied bi ftit fl-2022 meta mqabbel mal-2021; josserva li l-finanzjament affettwat relatat ma' dawn il-każijiet fl-2022 naqas għal EUR 1.77 biljun (minn EUR 3.24 fl-2021);

8. Huwa konxju li t-tqabbil minn sena għal sena tar-rapportar tal-irregolaritajiet mhux dejjem joffri analiżi affidabbli ta' xejriet u tendenzi minħabba ċ-ċiklu pluriennali ta' implimentazzjoni ta' bosta programmi; iqis li t-tqabbil ma' medja ta' ħames snin huwa aktar adattat għall-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet f'ħin reali; japprezza f'dan il-kuntest li, fir-Rapport PIF tal-2022, spiss issir referenza għar-riżultati tal-perjodu 2018-2021;

9. Jemmen li l-involviment tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat fl-isforzi għall-ġlieda kontra l-frodi jtejjeb il-prevenzjoni u l-iskoperta, u li dan jimplika appoġġ għal kanali kunfidenzjali u/jew informaturi u ġurnalisti investigattivi, u li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu effettivi sakemm jingħata aċċess għal informazzjoni dwar proġetti, benefiċjarji u ħlasijiet;

10. Jilqa' l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-3 ta' Mejju 2023 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (JOIN(2023)0012), li tirrikonoxxi s-serjetà tal-korruzzjoni, peress li ddgħajjef l-effiċjenza tal-infiq pubbliku, l-effettività tas-suq uniku u s-sostenibbiltà tat-

tkabbir ekonomiku; jirrimarka li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija waħda mill-impenji tal-Unjoni, fuq l-istess livell tat-trasparenza u l-integrità;

11. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li huwa diffiċli li jiġi stmat bi preċiżjoni kbira kemm il-kriminalità organizzata qed tibbenefika illegalment mill-finanzi tal-UE; isostni li huwa meħtieġ approċċ komuni jiġi vvalutat l-impatt tal-kriminalità organizzata fuq il-fondi tal-UE u biex tiġi evalwata l-effikaċja tal-miżuri meħuda biex tiġi indirizzata l-problema fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Kummissjoni tniedi malajr l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex issegwi din l-armonizzazzjoni;

12. Isostni li n-nuqqas ta' traspożizzjoni effiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'ħafna Stati Membri joffri opportunitajiet lill-kriminalità organizzata għal għadd ta' attivitajiet transfruntieri illegali f'oqsma li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; itenni, għalhekk, it-talbiet preċedenti tiegħu għar-reviżjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata[11];

13. Josserva li l-Istrateġija tal-UE biex tiġi ttrattata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025[12] għandha l-għan li tistabbilixxi l-għodod u l-miżuri biex tfixkel il-mudelli tan-negozju u l-istrutturi tal-organizzazzjonijiet kriminali bejn il-fruntieri, kemm online kif ukoll offline; jistieden lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-isforzi tal-Kummissjoni u jistabbilixxu networks ta' kooperazzjoni reġjonali għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar każijiet u strateġiji għall-ġlieda kontra l-frodi mwettqa minn kriminali organizzati; ifakkar, f'dan ir-rigward, l-importanza tad-Direttiva l-ġdida proposta dwar l-Irkupru u l-Konfiska tal-Assi[13] li l-implimentazzjoni effettiva tagħha tipprovdi lill-awtoritajiet b'għodod aħjar biex iċċaħħad lill-gruppi tal-kriminalità organizzata mill-mezzi finanzjarji biex iwettqu aktar attivitajiet kriminali;

14. Jirrimarka li fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni, l-UPPE rrapporta 87 reat investigat fi tmiem l-2022 (meta mqabbel ma' 40 każ investigati fl-ewwel seba' xhur ta' attivitajiet operattivi fl-2021); jirrimarka li fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS), mill-2018 sal-2022, ġew irrapportati 30 każ minn 10 Stati Membri, 5 relatati mal-agrikoltura, 22 mal-koeżjoni u 3 mal-perjodu ta' qabel l-adeżjoni b'impatt finanzjarju ġenerali stmat għal madwar EUR 50 miljun;

15. Jisħaq għal darb'oħra li l-korruzzjoni, b'mod partikolari l-korruzzjoni f'livell għoli, inkluż fl-istituzzjonijiet tal-UE, hija reat partikolarment serju b'potenzjal li jestendi bejn il-fruntieri, li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-ekonomija tal-UE kollha, u jdgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi fl-UE u fl-Istati Membri; itenni li fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE jrid ikun hemm politika ta' tolleranza żero lejn il-korruzzjoni; jappoġġa l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fit-tfassil tal-politika tal-UE;

16. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni inkludiet taqsima speċifika dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-rapport tagħha dwar l-istat tad-dritt sabiex tipprovdi analiżi komparattiva

[11] ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.
[12] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025 (COM(2021)0170).
[13] Il-Proposta tal-25 Mejju 2022 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (COM(2022)0245).

fil-fond tal-approċċi, il-proċeduri u l-għodod użati mill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-korruzzjoni u biex tgħin fil-valutazzjoni ta' liema żoni huma l-aktar f'riskju;

17. Josserva li, permezz tal-IMS, fil-perjodu 2018-2022, ġew irrapportati 375 każ relatati ma' kunflitti ta' interess, li ħafna drabi jiġu identifikati f'ambjenti simili għal dawk fejn iseħħu prattiki korrotti; jissottolinja li l-maġġoranza l-kbira tal-każijiet irrapportati ta' kunflitti ta' interess huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-politiki ta' koeżjoni (86 % meta mqabbla ma' 9 % għall-agrikoltura u 5 % għal qabel l-adeżjoni), li jinvolvu kważi EUR 117 miljun b'mod ġenerali għal dan il-perjodu; jissottolinja li l-kunflitti ta' interess irrapportati prinċipalment jindikaw relazzjonijiet bejn ir-riċevituri tal-fondi u l-kuntratturi u s-sottokuntratturi tagħhom, filwaqt li 7 % biss tal-każijiet jirreferu għal kunflitti ta' interess matul l-istadju tal-għoti u/jew l-evalwazzjoni tal-proġetti, u b'hekk jinvolvu membri ta' kumitati ta' evalwazzjoni;

18. Jemmen li dan jista' jkun indikatur tal-impatt pożittiv u l-effett deterrent tal-emendi għar-regoli finanzjarji, li saru applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali kollha li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE, flimkien mal-fatt li terz tal-każijiet kienu identifikati minn sorsi esterni għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, inklużi l-informaturi u l-ġurnalisti investigattivi, li jissuġġerixxi livell adegwat ta' trasparenza u aċċessibbiltà u kontribuzzjonijiet mis-soċjetà ċivili;

19. Huwa konxju wkoll li l-okkorrenza ġenerali ta' każijiet ta' kunflitti ta' interess hija ogħla minn dik irrapportata fl-IMS, kif indikat mill-informazzjoni addizzjonali li rċevew id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali u Urbana u għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni dwar il-kunflitt ta' każijiet ta' imgħax u rkupri relatati fl-akkwist pubbliku fil-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, irrapportati direttament mill-Istati Membri permezz tas-sistema tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE (magħrufa bħala l-SFC, li fl-2014-2020 ppreżentat 31 każ addizzjonali relatati ma' 16-il programm fi 11-il Stat Membru b'impatt ta' EUR 3.4 miljun);

Dħul

20. Josserva li, fl-2022, in-numru globali ta' irregolaritajiet frawdolenti u mhux frawdolenti relatati mar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (4 661) kien 7.6 % ogħla meta mqabbel mal-medja ta' ħames snin (2018-2022); jinnota bi tħassib li l-ammonti globali affettwati minn tali irregolaritajiet, kif stmati u stabbiliti mill-Istati Membri, żdiedu wkoll b'mod notevoli (b'47 %, u laħqu EUR 783 miljun); jenfasizza, fuq l-istess kwistjoni, li r-rata ġenerali ta' rkupru fl-2022 kemm għal każijiet frawdolenti kif ukoll għal dawk mhux frawdolenti kienet biss ta' 48 % (meta mqabbla ma' 54 % fl-2021) u li ċ-ċifra għal każijiet frawdolenti kienet biss ta' 25 %, li kienet imqassma madwar l-Istati Membri b'mod eteroġenu ħafna;

21. Jirrimarka li, fl-2022, għal 19-il rapport ġdid ta' tħassir biss ippreżentati lill-Kummissjoni minn sitt Stati Membri, il-Kummissjoni qieset li kien intwera b'mod sodisfaċenti li t-TOR kienu ntilfu għal raġunijiet mhux imputabbli lill-Istati Membri inkwistjoni u li ma kinux finanzjarjament responsabbli għat-telf, filwaqt li fi 82 każ li jammontaw għal kważi EUR 39 miljun, il-Kummissjoni qieset li l-Istati Membri ma kinux urew b'mod sodisfaċenti li t-TOR kienu ntilfu għal raġunijiet mhux imputabbli lilhom u nżammu finanzjarjament responsabbli għat-telf (il-Kummissjoni vvalutat 135

każ li jammontaw għal EUR 76.8 miljun fl-2022); iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm dan il-mekkaniżmu effettiv ta' reviżjoni tal-każijiet ta' ħassir sabiex titrawwem l-effettività tal-azzjonijiet ta' rkupru tal-amministrazzjonijiet nazzjonali;

22. Jinnota li, għal darb'oħra fl-2022, l-ispezzjonijiet minn servizzi ta' kontra l-frodi u l-kontrolli ta' wara r-rilaxx kienu l-aktar għodod tal-identifikazzjoni ta' suċċess għal irregolaritajiet frawdolenti u mhux frawdolenti, rispettivament, flimkien, dejjem aktar, b'verifiki tat-taxxa u kontrolli ta' rilaxx; jenfasizza li fl-2022, il-kuntrabandu, il-valur mhux korrett u l-klassifikazzjoni u d-deskrizzjoni ħażina tal-merkanzija kienu l-modi operandi ewlenin f'każijiet frawdolenti, b'żieda partikolari fil-każijiet irrapportati ta' kuntrabandu tas-sigaretti;

23. Jinnota li, f'termini monetarji, iċ-Ċina baqgħet il-pajjiż ewlieni ta' oriġini ta' oġġetti affettwati minn irregolaritajiet, l-Istati Uniti u l-Vjetnam kienu t-tieni u t-tielet, u li t-tessuti u ż-żraben kienu l-oġġetti l-aktar affettwati, kemm f'termini tan-numru kif ukoll tal-valur tal-każijiet misjuba u rrapportati;

24. Itenni t-talba tiegħu biex tittaffa d-differenza fil-VAT billi jiġu indirizzati n-nuqqas ta' riżorsi, l-effiċjenza diġitali limitata fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-lakuni leġiżlattivi li jillimitaw l-effikaċja tal-miżuri biex jiġu miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa; ifakkar li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva huwa l-aktar mod effettiv biex jiġu miġġielda l-frodi tal-VAT transfruntieri;

25. Jenfasizza li l-UPPE għandu l-kompetenza li jinvestiga reati serji kontra s-sistema komuni tal-VAT li jkunu konnessi mat-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar u jkunu jinvolvu ħsara totali ta' mill-inqas EUR 10 miljuni; jinsab imħasseb dwar id-data rrapportata fir-rapport annwali tal-UPPE għall-2022, li tindika li 16.5 % tal-investigazzjonijiet attivi tiegħu (185) kienu marbuta mal-frodi tal-VAT, iżda li dawn jammontaw għal 47 % tad-dannu stmat (EUR 6.7 biljun);

26. Jilqa' t-tieni rapport tal-Kummissjoni, ippubblikat fis-16 ta' Settembru 2022, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva PIF (COM(2022)0466), iżda jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni żammet lura milli tintervjeni fuq ir-reviżjoni tal-limitu ta' EUR 10 miljun, li għandha impatt kbir fuq l-attivitajiet tal-UPPE f'każijiet ta' frodi tal-VAT; jisħaq li l-mistoqsijiet rikorrenti u li għadhom pendenti dwar l-interpretazzjonijiet differenti tal-metodi applikati għall-kalkolu tal-limitu (jekk il-ħsara li sseħħ f'diversi Stati Membri għandhiex tiġi aggregata, jekk il-pajjiżi inklużi fil-kalkolu għandhomx ikunu limitati għal dawk li jipparteċipaw fl-UPPE) tagħmel is-sitwazzjoni mhux ċara; jemmen bis-sħiħ li l-limitu attwali jillimita d-dissważività, jippermetti lill-awturi li jfittxu l-aktar ġurisdizzjoni dgħajfa biex jevadu l-UPPE u għandu effett detrimentali fuq l-investigazzjonijiet, peress li l-awtoritajiet nazzjonali ħafna drabi ma jkollhomx stampa sħiħa tal-kobor tal-attivitajiet kriminali fl-istadju tal-bidu tal-investigazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha fir-rapport ta' traspożizzjoni tad-Direttiva PIF li jmiss u tneħħi l-limitu, jew tbaxxih sostanzjalment, filwaqt li sadattant tipprovdi gwida adegwata dwar il-metodu ta' kalkolu;

Infiq

27. Josserva li l-għadd ta' irregolaritajiet frawdolenti u mhux frawdolenti rrapportati li jaffettwaw l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-iżvilupp rurali żdied fil-perjodu 2018-

2022, prinċipalment minħabba ż-żieda fir-rata ta' identifikazzjoni fir-rigward tal-azzjonijiet fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2022; jirrimarka, madankollu, li n-numru ta' każijiet frawdolenti identifikati u rrapportati għadu inqas milli mistenni, u li dan jitlob għal aktar monitoraġġ tas-sitwazzjoni;

28. Jirrimarka li anki jekk fl-2022 l-irregolaritajiet frawdolenti rrapportati taħt appoġġ għall-agrikoltura żdiedu meta mqabbla mal-2021, ir-rati ta' identifikazzjoni għall-iżvilupp rurali kienu notevolment ogħla milli għall-appoġġ għall-agrikoltura; jinnota li fl-appoġġ għall-agrikoltura, l-ogħla livell ta' frodi ġie rrapportat għall-miżuri tas-suq u li bosta każijiet kumplessi relatati mal-promozzjoni ta' prodotti agrikoli ġew investigati mill-OLAF;

29. Jiddispjaċih għall-fatt li matul il-perjodu 2018-2022, kemm fl-iżvilupp rurali kif ukoll fil-pagamenti diretti, il-kontribuzzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' każijiet frawdolenti pprovduti minn analiżi tar-riskju, informaturi u ġurnalisti investigattivi kienu limitati ħafna; jinsab imħasseb ukoll dwar it-tul tal-proċeduri amministrattivi miftuħa biex jittrattaw il-każijiet frawdolenti rrapportati, li, bħala medja u matul l-2014-2022, kienu jeħtieġu kważi erba' snin mill-bidu tal-irregolarità biex jaslu għal suspett ta' attività frawdolenti, u kważi tliet snin oħra biex jingħalaq il-każ wara li jkun irrapportat lill-Kummissjoni; jirrimarka li, għall-koeżjoni, ħadet madwar sena u nofs biex tasal għal suspett li twettqet irregolarità frawdolenti u aktar minn sentejn biex jingħalaq il-każ frawdolenti wara li ġie rrapportat lill-Kummissjoni;

30. Jinnota li l-akbar numru ta' irregolaritajiet irrapportati fl-2022, kemm frawdolenti kif ukoll mhux frawdolenti, affettwaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR, għal 59 % u 67 % rispettivament) u, sa ċertu punt, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE, għal 27 % u 20 % rispettivament); jirrimarka li l-oqsma l-aktar f'riskju huma t-trasport u l-protezzjoni ambjentali, minħabba l-ammonti kbar ta' flus affettwati mill-imġiba ħażina, u r-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Innovazzjoni (RTD&I), fejn ir-rikorrenza ta' irregolaritajiet frawdolenti hija l-ogħla;

31. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li fl-2022 in-numru ta' irregolaritajiet irrapportati li affettwaw l-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) laħaq l-ogħla livell, u huwa konxju li l-każijiet jikkonċernaw l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni I 2007-2013 (IPA I) u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni II 2014-2020 (IPA II); jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq it-tagħlimiet meħuda fir-rigward ta' dawn l-istrumenti biex l-azzjonijiet u l-inizjattivi futuri b'għanijiet identiċi jew simili, bħal fil-każ tal-Ukrajna, mistennija li tirċievi riżorsi rilevanti ħafna mill-IPA u mill-programm Orizzont Ewropa, u fejn l-użu korrett tar-riżorsi, anke f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna, huwa ta' importanza kbira għall-effikaċja u l-effettività tal-proċess ta' adeżjoni;

32. Jenfasizza li fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, in-numru u l-ammonti finanzjarji tal-irregolaritajiet mhux frawdolenti li kienu ġew irrapportati matul l-ewwel disa' snin tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 kienu ħafna ogħla minn dawk li ġew irrapportati matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u li din it-tendenza tikkonċerna l-fondi kollha u lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri;

33. Josserva li għall-politika ta' koeżjoni, l-aktar tip frekwenti ta' ksur frawdolenti rrapportat fl-IMS jikkonċerna d-dokumenti ta' sostenn (skorretti, neqsin, foloz jew

iffalsifikati), filwaqt li għal irregolaritajiet mhux frawdolenti, il-ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku huwa rrapportat l-aktar;

34. Jinnota li, fl-2022, l-oġġetti ta' rkupru reġistrati għal irregolaritajiet kienu 770 (meta mqabbla ma' 879 fl-2021), li minnhom 37 kienu għal każijiet frawdolenti (meta mqabbla ma' 54 irrapportati bħala frawdolenti fl-2021) li jammontaw għal EUR 61.28 miljun (li minnhom EUR 5.67 miljuni kienu għal frodi, meta mqabbla ma' EUR 7.04 miljun fl-2021);

35. Josserva li, b'mod ġenerali, għall-ġestjoni diretta, l-irregolaritajiet frawdolenti identifikati baqgħu stabbli matul il-perjodu 2018-2022; japprezza li, għall-ġestjoni diretta fil-perjodu 2018-2022, l-OLAF huwa indikat bħala s-sors ta' identifikazzjoni għal 88 % tal-oġġetti ta' rkupru marbuta ma' irregolaritajiet irrapportati bħala frawdolenti, li jikkorrispondu għal 92 % tal-ammonti ta' rkupru totali; josserva li madwar 97 % tal-irregolaritajiet mhux irrapportati bħala frodi nstabu permezz tal-kontrolli tal-Kummissjoni;

36. Jinnota li, bejn l-2018 u l-2022, l-irkupru medju jibqa' f'livelli pożittivi, b'rata medja ta' rkupru ta' 56 % (li tirriżulta minn 34 % għal "irregolaritajiet irrapportati bħala frawdolenti" u 59 % għal "irregolaritajiet mhux irrapportati bħala frawdolenti");

NextGenerationEU (NGEU) u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)

37. Huwa konxju li l-implimentazzjoni tal-RRF qed tilħaq il-quċċata tagħha u li r-regolament li jirregola l-iskjerament tiegħu jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' kontroll effettivi u effiċjenti, bil-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali; jirrimarka li, b'mod partikolari, il-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess (definiti bħala "irregolaritajiet serji") u l-finanzjament doppju jenħtieġ li jirċievu riżorsi u attenzjoni xierqa;

38. Josserva li l-Kummissjoni vvalutat dawn is-sistemi ta' kontroll qabel l-approvazzjoni tal-pjanijiet, u sussegwentement, fl-2022, wettqet 16-il verifika tas-sistema mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE[14], li jkopru l-korpi ta' koordinazzjoni u implimentazzjoni, bħal ministeri u aġenziji; jesprimi apprezzament li l-Kummissjoni qed tippjana li tivverifika l-Istati Membri kollha tal-inqas darba sa tmiem l-2023, u jilqa' l-għażla tal-miri tal-awditjar abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju;

39. Jirrimarka li x-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni kkonferma varjazzjonijiet fis-sistemi ta' kontroll intern madwar il-korpi ta' implimentazzjoni u ta' koordinazzjoni, u identifika prattiki tajba f'xi wħud mill-proċeduri fis-seħħ għall-verifika u l-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess u finanzjament doppju;

40. Itenni li l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni effettivi ta' attivitajiet illegali li jheddu l-implimentazzjoni tal-NGEU jiddependu fuq il-ġbir u l-kondiviżjoni effettivi tad-data, inkluż l-immaniġġjar rapidu ta' talbiet ta' aċċess minn servizzi investigattivi fi Stat Membru, kif ukoll minn pajjiżi oħra jew fil-livell tal-UE, mill-OLAF u l-UPPE li għandu jingħatalhom aċċess;

[14] Fi Spanja, is-Slovakkja, l-Estonja, id-Danimarka, il-Greċja, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja, il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja u l-Polonja.

41. Jilqa' l-analiżi konġunta mill-Europol u l-OLAF li tivvaluta r-riskji ta' frodi u irregolaritajiet fir-rigward tal-NGEU; jilqa' r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Europol u l-OLAF u jistieden lill-Kummissjoni, lill-aġenziji u l-korpi speċjalizzati tal-UE, kif ukoll lill-Istati Membri, jikkooperaw u jinteraġixxu b'mod attiv biex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE meta jimplimentaw l-NGEU;

42. Jilqa' l-inizjattiva strateġika tal-Ombudsman, imnedija fi Frar 2022, imwettqa biex teżamina t-trasparenza tal-pjanijiet nazzjonali ta' rkupru u reżiljenza, strateġiji ta' informazzjoni pubblika u komunikazzjoni dwar l-RRF, u dwar kif il-fondi huma ssorveljati;

Diġitalizzazzjoni u trasparenza biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi

43. Jilqa' r-Rieżami tal-QEA 04/2023 bit-titolu "Digitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE", li tisħaq li d-diġitalizzazzjoni għandha l-potenzjal li tagħmel l-awditjar tal-fondi tal-UE aktar effiċjenti; jenfasizza l-osservazzjonijiet tal-QEA li hemm ħafna varjazzjonijiet fil-grad ta' diġitalizzazzjoni tal-infiq tal-UE, l-aktar ċentralizzati fejn il-Kummissjoni għandha ġestjoni diretta u aktar frammentati għall-modi ta' ġestjoni l-oħra, bħal taħt ġestjoni kondiviża;

44. Huwa konxju li l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni u korpi oħra ta' implimentazzjoni għad-diġitalizzazzjoni tal-baġit tal-UE jridu jegħlbu ħafna ostakli sabiex tissaħħaħ il-kompatibbiltà bejn is-sistemi tal-IT użati mill-ħafna entitajiet involuti; japprezza, f'dan ir-rigward, il-konsistenza tal-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "L-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni Ewropea – Kummissjoni diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss" (C(2022)4388);

45. Isostni li d-diġitalizzazzjoni tat spinta lill-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi, proċeduri amministrattivi simplifikati u li jeħtieġ li tkun fil-qalba ta' kull strateġija kontra l-frodi, inklużi l-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi; jistieden lill-Kummissjoni ttenni u ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi biex jagħmlu dan, u biex iżżomm l-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi aġġornati, billi tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji l-ġodda;

46. Jinnota li fost l-għażliet disponibbli, Arachne kienet bil-bosta l-aktar sistema tal-IT użata (minn 21 Stat Membru), b'appoġġ għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-RRF; josserva li ħafna Stati Membri użaw l-għodod tal-IT dedikati tagħhom kontra l-frodi, ħafna drabi flimkien mal-għodod tal-UE, għalkemm dawk l-għodod rarament kienu interoperabbli;

47. Itenni l-appoġġ tiegħu għas-sistema unika tal-IT integrata għall-estrazzjoni tad-data u l-valutazzjoni tar-riskju prevista mir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, li għandha tiżgura protezzjoni aħjar tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

48. Jinnota li d-diġitalizzazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi hija wkoll waħda mill-punti fokali tar-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni mniedi fl-2022 li jakkumpanja l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS), adottata fl-2019 u li jeħtieġ li tiġi aġġustata għax-xenarji ekonomiċi u soċjali li qed jinbidlu malajr u għall-isfidi l-ġodda; huwa konxju li l-Kummissjoni implimentat b'suċċess 60 mit-total ta' 63 azzjoni u li wħud minn dawn

huma kontinwi fin-natura tagħhom u għadhom għaddejjin; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament l-istandards u l-kriterji sottostanti li l-pjan ta' azzjoni rivedut se japprova;

L-arkitettura tal-UE kontra l-frodi u l-miżuri ewlenin fl-2022

49. Jilqa' l-azzjonijiet imnedija mill-Kummissjoni fl-2022 biex jissaħħaħ il-livell ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE;

50. Jirrimarka li l-programm tal-Unjoni kontra l-frodi (UAFP) ġie stabbilit għal perjodu ta' seba' snin, mill-2021 sal-2027, u l-2022 hija t-tieni sena ta' implimentazzjoni tiegħu, taħt il-mod ta' ġestjoni diretta bl-OLAF bħala s-servizz ewlieni għall-implimentazzjoni tal-programm;

51. Josserva li d-Deċiżjoni ta' Finanzjament tal-2022 allokat EUR 15.4 miljun għall-komponent Hercule, EUR 9 miljun għall-komponent tas-Sistema ta' Informazzjoni Kontra l-Frodi (AFIS) u madwar EUR 1 miljun għall-komponent tal-IMS, li rriżultaw fl-għoti ta' għotjiet lill-korpi implimentattivi rilevanti u fil-finanzjament ta' taħriġ speċjalizzat, bażijiet ta' data, appoġġ għar-riċerka, monitoraġġ u analiżi;

52. Jirrimarka li l-IMS issa qed jintuża minn 35 pajjiż, li jinkludi Stati Membri u pajjiżi benefiċjarji oħra, b'madwar 700 organizzazzjoni ta' rapportar, li jkopru aktar minn 3 000 utent tal-IMS u diversi oqsma, inkluż l-RRF u oqsma oħra bħall-ażil, il-viċinat u ta' qabel l-adeżjoni, minbarra l-oqsma tradizzjonali tal-agrikoltura, il-koeżjoni u s-sajd;

53. Japprezza r-rwoli kumplimentari tal-programmi tal-istrumenti tat-tagħmir tal-kontroll tad-dwana u Fiscalis u doganali u jemmen li l-effetti sinerġistiċi tal-iskjerament ta' dan l-appoġġ finanzjarju jġibu titjib tanġibbli fl-oqsma tat-tassazzjoni, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni relatata mar-riskju u l-aġġornament għal tagħmir ta' kontroll doganali avvanzat;

54. Jirrimarka li, fl-2022, 22 Stat Membru diġà pparteċipaw fl-UPPE, bl-istess ħames pajjiżi bħal fl-2021 astjenew; jinsisti li l-Istati Membri li għadhom ma pparteċipawx, iridu jagħmlu dan mingħajr dewmien;

55. Jilqa' r-rapport annwali tal-UPPE għall-2022, li jipprovdi r-riżultati tal-ewwel sena kalendarja sħiħa tal-attivitajiet operattivi; josserva li l-UPPE pproċessa 3 318-il rapport ta' kriminalità (meta mqabbel ma' 2 832 riċevuta fis-seba' xhur ta' attività operattiva fl-2021) u fetaħ 865 investigazzjoni fl-2022 (576 infetħu f'Ġunju sa Diċembru 2021); jissottolinja l-iffriżar ta' EUR 359.1 miljun (meta mqabbel ma' EUR 157.3 fl-2021) wara investigazzjonijiet tal-UPPE, li jirrappreżentaw aktar minn seba' darbiet il-baġit tal-UPPE u li, sal-aħħar tal-2022, l-UPPE stmat danni ta' EUR 14.1 biljun li jirriżultaw minn imġiba ħażina li fuqha kellu total ta' 1 117-il investigazzjoni attiva;

56. Jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha fi djalogu kostruttiv mal-UPPE, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Uffiċċju li jindirizza l-isfidi li dejjem qed jiżdiedu fix-xenarju ta' kontra l-frodi;

57. Jilqa' ż-żieda fl-isforzi ta' identifikazzjoni u r-riżultati tagħhom, li jsegwu s-sejħiet mill-UPPE u l-Parlament, indikati minn għadd ta' investigazzjonijiet dwar frodi tal-UE mibdija fit-22 Stat Membru parteċipanti, li hija ogħla mill-medja storika qabel l-

istabbiliment tal-UPPE; ifaħħar, f'dan ir-rigward, l-Operazzjoni Admiral li kixfet frodi tal-karużell tal-VAT imwettqa minn grupp organizzat ta' kriminali li joperaw f'diversi Stati Membri, responsabbli għal frodi stmati ta' EUR 2.2 biljun;

58. Ifaħħar il-kooperazzjoni bejn l-OLAF u l-UPPE, li hija enfasizzata kemm fir-rapporti annwali tal-OLAF kif ukoll tal-UPPE; jifhem li jseħħu skambji regolari ta' informazzjoni bejn iż-żewġ uffiċċji, notevolment l-UPPE wara li wieġeb għal 133 talba "hit/no-hit" mibgħuta mill-OLAF sabiex jiġu evitati investigazzjonijiet paralleli dwar l-istess fatti; jistieden lill-OLAF u lill-UPPE jikkoordinaw ir-rapportar tagħhom dwar l-azzjonijiet imnedija biex il-kooperazzjoni tagħhom issir tanġibbli, b'kunsiderazzjoni speċifika tan-numru ta' investigazzjonijiet komplementari mitluba mill-OLAF (eż. Artikolu 12(f) tar-Regolament tal-UPPE) u n-numru ta' każijiet biex jappoġġaw l-investigazzjonijiet tal-UPPE mitluba mill-UPPE (eż. Artikolu 12(e) tar-Regolament tal-UPPE);

59. Huwa konxju li l-ewwel rieżami annwali ta' livell għoli tal-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-Kummissjoni saret f'Settembru 2022, u indirizzat, fost oħrajn, kwistjonijiet dwar ir-rapportar reċiproku, l-aċċess għal bażijiet ta' data u l-istatus istituzzjonali tal-UPPE;

60. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-irkupru amministrattiv ta' somom dovuti lill-baġit tal-Unjoni, imwettaq mill-Kummissjoni wara kontribut minn-naħa tal-UPPE, kif previst mill-Artikolu 103(2) tar-Regolament tal-UPPE, li jirreferi għall-obbligu tal-UPPE li jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità, u kif previst mill-Artikolu 6(4)(c) tal-Ftehim UPPE-COM iffirmat fit-18 ta' Ġunju 2021, b'referenza għal miżuri protettivi u korrettivi; jitlob lill-Kummissjoni u lill-UPPE jinfurmaw lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni ta' din l-għodda importanti;

61. Jinnota li l-UPPE u l-Europol ikkooperaw b'mod effiċjenti fuq diversi kwistjonijiet operazzjonali, taħt il-patroċinju tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-UPPE u tal-Europol; jifhem li l-Europol ipprovda appoġġ (skambju ta' informazzjoni, appoġġ analitiku, kompetenza) fuq 28 każ fuq talba tal-UPPE u li l-UPPE sar parti mill-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), li tiżgura kanal ta' komunikazzjoni sikur fil-kooperazzjoni operattiva;

62. Jinnota li, fl-2022, il-kooperazzjoni bejn l-atturi rilevanti seħħet b'mod sodisfaċenti, fejn it-timijiet ta' kollegament bejn l-UPPE u l-Eurojust iltaqgħu darbtejn fl-2022, bi 15-il każ tal-UPPE li għaddejjin ttrattati fl-Eurojust, u d-diviżjoni investigattiva tal-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB IG/IN) irreferiet 63 każ lill-OLAF, lill-UPPE u aġenziji oħra fi ħdan il-banek tal-iżvilupp multilaterali u l-aġenziji tal-iżvilupp nazzjonali fdati b'attivitajiet inerenti; jirrimarka li f'Settembru 2022 madwar 100 prosekutur u persunal tal-UPPE pparteċipaw f'sessjoni ta' sensibilizzazzjoni online dwar l-attivitajiet tal-BEI u tal-FEI biex tiżdied l-effettività tal-kooperazzjoni bejn l-UPPE u l-IG/IN kif stabbilit taħt l-arranġament tax-xogħol tal-2021;

63. Josserva li fl-2022 il-proċedimenti ta' esklużjoni mnedija mill-BEI wara investigazzjonijiet tal-IG/IN irriżultaw fl-esklużjoni ta' erba' operaturi ekonomiċi milli jipparteċipaw fi kwalunkwe proġett jew attività ffinanzjata mill-BEI; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tagħmel aktar uniformi l-kriterji ta' esklużjoni użati mill-BEI u l-FEI fir-rigward ta' dawk użati fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija

u ta’ Esklużjoni (EDES), meta jitqies li l-Ftehimiet ta’ Qafas Finanzjarju u Amministrattiv mal-BEI u l-EIF ikopri biss ħamsa mis-seba’ sitwazzjonijiet ta’ esklużjoni tal-EDES;

64. Itenni li l-kooperazzjoni ineffettiva jew mhux f’waqtha jew in-nuqqas ta’ kooperazzjoni tal-Istati Membri mal-UPPE u l-OLAF jikkostitwixxu raġunijiet għal azzjoni skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità; jistieden għalhekk lill-UPPE u lill-OLAF jirrapportaw kull każ fejn l-Istati Membri jkunu naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jinfurmaw, jassistu, jieħdu azzjoni xierqa u miżuri ta’ prekawzjoni u jiżguraw segwitu xieraq u f’waqtu tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet;

65. Jifhem li l-livell ġenerali ta’ implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni maħruġa fir-Rapport PIF tal-2021 madwar l-Istati Membri huwa meqjus bħala sodisfaċenti fir-rigward tal-integrazzjoni ta’ għodod tal-IT dedikati kontra l-frodi fil-ġlieda tagħhom kontra l-frodi, it-tisħiħ tal-analiżi tar-riskju u, b’mod ġenerali, l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll tan-nefqa;

66. Japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi eżerċizzju ta’ monitoraġġ dwar l-istat attwali tas-Servizzi ta’ Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) stabbiliti fl-Istati Membri; ifakkar li d-definizzjoni tal-istruttura, ir-rwol, ir-responsabbiltajiet u l-mandat tal-AFCOS jenħtieġ li jiġu ċċarati aħjar biex jiġu ggarantiti sitwazzjonijiet omoġenji u armonizzati madwar l-Unjoni, u b’hekk jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni għal darb’oħra biex taġġorna l-linji gwida tal-AFCOS ifformulati inizjalment fl-2015, li m’għadhomx adegwati biex jassistu b’mod effettiv lill-awtoritajiet nazzjonali fl-iżvilupp ta’ servizz ta’ koordinazzjoni strutturat tajjeb; barra minn hekk, jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar ix-xogħol li għaddej f’dan ir-rigward u r-riżultati tal-eżerċizzju ta’ monitoraġġ lill-awtorità ta’ kwittanza;

67. Jirrimarka li l-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi jeħtieġ li jiġi adottat jew aġġornat minn ħafna Stati Membri, u jtenni li l-ħtieġa għal tali reviżjonijiet ġejja mill-pajsaġġ il-ġdid ta’ kontra l-frodi, bl-UPPE issa operattiv bis-sħiħ, u mill-opportunità li jirriflettu riskji sinifikanti ġodda fil-pajsaġġ tal-frodi dejjem aktar kumpless;

68. Itenni l-apprezzament tiegħu għall-inkoraġġiment tal-Kummissjoni lill-Istati Membri biex jadottaw l-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi, li s’issa rriżultat f’żieda fin-numru tal-Istrateġiji Nazzjonali Kontra l-Frodi adottati;

69. Jinnota li, sal-aħħar tal-2022, tliet Stati Membri biss (il-Finlandja, l-Irlanda u l-Polonja) indikaw li ma kienu adottaw l-ebda strateġija għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u ħamsa (il-Belġju, Spanja, il-Lussemburgu, l-Olanda u r-Rumanija) indikaw li kienu fil-proċess li jistabbilixxu waħda, filwaqt li l-Istati Membri l-oħra għandhom strateġiji alternattivi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew settorjali jew, f’xi każijiet, jikkombinawhom;

70. Jemmen li l-Istati Membri jibbenefikaw minn evalwazzjoni perjodika tal-oqfsa tagħhom kontra l-frodi, bi gwida tal-UE kif xieraq, orjentata lejn l-istabbiliment tal-effikaċja tagħhom, l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u r-reviżjoni tal-istrateġiji tagħhom kontra l-frodi biex jindirizzaw kwalunkwe riskju emerġenti; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex iwettqu rieżami indipendenti jew bejn il-pari tal-oqfsa kontra l-frodi biex itejbu l-konsistenza u standards għoljin;

71. Isostni li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità huwa strument permanenti li jmur lil hinn mil-limiti ta' qafas finanzjarju pluriennali partikolari u għandu jiġi applikat orizzontalment, bħala rekwiżit għall-infurzar ta' prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod ġenerali, u għall-ġestjoni effiċjenti u effettiva tar-riżorsi tal-UE, b'mod partikolari, u li hija prerekwiżit għall-aċċess għall-fondi kollha tal-UE;

72. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2022 li jissospendi l-ħruġ ta' EUR 6.3 biljun ta' fondi tal-UE lill-Ungerija; jistenna li l-Kummissjoni u l-Kunsill ineħħu l-miżuri adottati biss fejn tingħabar evidenza li l-miżuri ta' rimedju adottati mill-Gvern Ungeriż urew li huma effettivi fil-prattika u, b'mod partikolari, li ma nstab l-ebda rigressjoni fuq miżuri diġà adottati; itenni, madankollu, l-opinjoni tiegħu li s-17-il miżura waħedhom, kif innegozjati mill-Kummissjoni u l-Gvern Ungeriż, mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw ir-riskju sistemiku eżistenti għall-interessi finanzjarji tal-UE u jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma talbitx biżżejjed bidliet u salvagwardji sostanzjali biex tirrestawra l-indipendenza tal-ġudikatura u tnaqqas il-livell ta' korruzzjoni;

73. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament u lill-Kunsill malajr u regolarment dwar kwalunkwe żvilupp rilevanti u jfakkar lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, fl-obbligi legali tagħha stabbiliti fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament dwar l-RRF u l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

74. Jinsab imħasseb dwar is-sejbiet tat-Tielet Rapport dwar l-Istat tad-Dritt[15] dwar is-sitwazzjoni kritika fil-Polonja, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqasijiet serji fil-ġudikatura[16] u s-settur tal-media; ifakkar li n-nuqqas ta' konformità tal-Polonja mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rriżultat fil-ħlas ta' EUR 360 miljun f'multi mill-2021 u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tibqa' żżomm il-pagamenti mill-RRF sakemm jiġu ssodisfati bis-sħiħ il-kundizzjonijiet kollha għall-integrazzjoni tal-istat tad-dritt;

Dimensjoni esterna tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

75. Jemmen li l-proposta għall-istabbiliment ta' qafas ta' sanzjonijiet ta' politika barranija u ta' sigurtà orizzontali komuni hija komplementari għall-għodod eżistenti u l-azzjonijiet ta' politika interna u esterna kontra l-korruzzjoni, diġà approvati fil-proċess ta' tkabbir jew fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant; huwa tal-fehma li impenn aktar b'saħħtu f'fora internazzjonali bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) u l-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) se jgħin biex jippromovi governanza tajba u l-istat tad-dritt bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-proċess ta' tkabbir;

76. Jirrimarka li mill-2021 sal-2022, kemm in-numru ta' irregolaritajiet mhux frawdolenti kif ukoll l-ammonti finanzjarji involuti esperjenzaw żidiet eċċezzjonali; jinnota li ż-żieda fin-numru ta' każijiet kien dovut għal irregolaritajiet relatati mal-IPA II 2014-

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt" (COM(2022)0500).

[16] Dwar l-indipendenza tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, jippersisti tħassib dwar il-funzjonament tas-servizz tal-prosekuzzjoni, bl-uffiċċji tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Prosekutur Ġenerali okkupati mill-istess persuna; Il-qrati Pollakki indikaw ukoll tħassib li l-prattika tas-sekondament ta' prosekuturi tista' titqies bħala forma ta' dimozzjoni u diskriminazzjoni, u li l-proċeduri dixxiplinarji jistgħu jintużaw biex inaqqsu l-indipendenza ġudizzjarja, peress li l-Kamra Dixxiplinari tal-Qorti Suprema kienet għadha qed toħroġ sentenzi.

2020 fir-rigward tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għall-iżvilupp rurali (IPARD) fil-Maċedonja ta' Fuq u t-Türkiye, u li għal ħafna minn dawn l-irregolaritajiet l-ammonti finanzjarji involuti kienu taħt EUR 10 000, filwaqt li ż-żieda fl-ammonti finanzjarji kienet dovuta għal irregolaritajiet li jikkonċernaw l-IPARD fl-Albanija; jissottolinja li madwar 10 % tal-irregolaritajiet ġew irrapportati bħala frawdolenti u li dan il-persentaġġ, li jinbidel maż-żmien, żdied b'mod sinifikanti fl-2020 (17 %), u laħaq il-quċċata fl-2021 għal 20 %; jistieden lill-Kummissjoni żżomm livell ta' monitoraġġ adegwat dwar dawn l-inizjattivi ta' finanzjament u biex tirrapporta lill-Parlament dwar kwistjonijiet sistemiċi possibbli identifikati fl-użu tar-riżorsi;

77. Jemmen li l-fondi taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Global Europe) għall-assistenza f'pajjiżi mhux tal-UE u r-riżorsi allokati għar-rispons tal-Ewropa għall-gwerra fl-Ukrajna mhumiex immonitorjati u kkontrollati b'mod adegwat;

78. Jenfasizza l-fatt li l-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali hija kruċjali biex jiġu protetti l-fondi tal-UE li jintefqu barra mill-Ewropa u l-lat tad-dħul tal-baġit tal-UE; jilqa', għalhekk, l-arranġamenti tax-xogħol li l-UPPE kkonkluda fl-2022, mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Albanija, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Moldova, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Istat Suprem tal-Montenegro, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni tal-Georġia u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Istat tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq u l-Memorandum ta' Qbil (MtQ) u l-Arranġament tax-Xogħol dwar il-Kooperazzjoni ffirmati mad-Dipartiment tal-Ġustizzja u d-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti;

79. Jerġa' jafferma t-twemmin qawwi tiegħu li huwa biss bit-tisħiħ tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE tista' tiġi segwita u msaħħa b'mod effettiv u effiċjenti, billi jingħelbu l-limiti inerenti tas-sistemi nazzjonali li mhumiex biżżejjed biex jiġġieldu l-attakki dejjem aktar transnazzjonali kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

°

° °

80. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.